MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2004

Rikors Numru. 605/1997/1

Osterious Aquilina
vs
Id-Direttur Generali fil-Ministeru tax-Xogholijiet Pubblici u l-Ministru tax-Xogholijiet Pubblici

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi huwa qed jressaq il-kaz tieghu kontra l-intimati, quddiem dan it-Tribunal minhabba ngustizzja gravi li huwa bata, bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, minhabba l-agir illegali w diskriminazzjoni, anki politika, ta' l-intimati.

Illi l-fatti tal-kaz fil-qosor kienu kif ser jinghad:-

Illi huwa kien dahal bhala apprentist mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici fl-1975. Wara li kien temm il-kors b'success huwa kien sar 'chargehand' fl-istess dipartiment. Huwa kien stazzjonat fid-distrett tar-Robba fil-

bidu tal-hatra tieghu. Hawnhekk huwa kien inkarigat minn xoghol fuq toroq u taht is-supervizjoni tieghu huwa kellu madwar ghoxrin persuna. Wara madwar sena huwa kien gie trasferit fuq xoghol ta’ rikostruzzjoni ta’ blokk bini.

Illi barra dana, ir-rikorrent, kemm dam f’dan id-Dipartiment, kien hadem fuq diversi tipi ta’ xoghol. Tant akkwista esperjenza li fl-1984 huwa beda jaghmilha ta’ “District Officer”. Dana beda jaghmlu fid-distrett ta’ Haz-Zebbug. Hawn huwa kien responsabbli ghax-xoghol kollu li kien jsir f’dik l-‘area’, u kellu tahtu madwar sittin persuna. L-ordni biex huwa jagixxi ta’ District Officer kienet harget mill-Ufficju tal-Personnel fid-Dipartiment tal-Public Works.

Illi minkejja li huwa kien qed jaqdi l-funzjonijiet ta’ District Officer u dina l-funzjoni kienet sahansitra maghrufa ufficjalment mad-Dipartiment, (ara memo Nru 109/86), huwa ma kienx qed jithallas ghax-xoghol u r-responsabbilita` li kien qed jerfa’. Kien biss fl-1987 ftit qabel l-elezzjoni li huwa kien gie mahtur ‘Works Technical Officer’, li huwa xorta grad inqas mill-funzjonijiet li kien qed jaqdi.

Illi kif inbidel il-gvern fl-1987 huwa kien gie nfurmat mill-Works Manager li kien intbaghat apposta floku, li daqshekk kien ghamilha ta’ ‘District Officer’, u ghal madwar sena ma kien qed jinghata l-ebda xoghol x’jaghmel. Sussegwentement huwa beda jerga’ jinghata x-xoghol, minn dan l-istess ‘Works Manager’ li kien intbaghat fuqu. Wara xi ftit aktar minn sena minn meta gie dan l-ufficjal, kien intbaghat ‘Technical Officer III’ flok il-‘Works Manager’. Ma din il-persuna, Horace Degabriele, huwa kien dam madwar erba’ snin bhala assistent, u kien ta’ ghajnuna kbira ghalih, fit-tmexxija tad-distrett specjalment mill-lat amministrattiv.

Illi wara l-elezzjoni tal-1987 kien hemm erba’ opportunitajiet biex jsiru ufficjali fil-grad ta’ TO I, u huwa kien applika darbtejn. Minkejja l-esperjenza u l-kapacita rikonoxxuta tieghu, qatt ma gie maghzul u nqabez minn persuni ta’ anqas esperjenza u kapacita’ minnu. Huwa

thalla fl-istess grad u xorta wahda baqa' jservi ta' 'District Officer'.

Illi fl-1992, kien gie trasferit ghal mal-M.S.U. kontra x-xewqa tieghu. Ir-rikorrent kien allokat wkoll mal-'Local Councils Department' fejn kellu ma haddiema ohra kuntratt ta' xoghol ghal zmien definit. Dana kien minghajr it-telf tal-impjieg mal-gvern. Fl-1994 huwa kien intbaghat lura jaghmel il-funzjoni ta' 'District Officer' f'Tar-Robba. Ghall-ewwel huwa ma accettax u kien meta d-Direttur kien kellmu u nfurmah li kien ser ikun hemm lok ta' promozzjoni f'ezercizzju ta' l-regrading' ghad-'District Officers', li kien ser jsir fil-futur, li huwa kien accetta. Minn dan pero ma kien rrizulta xejn.

Illi billi fl-istess hin huwa kien ghadu mal-M.S.U. u minkejja li kien qed jaqdi l-funzjoni ta' 'District Officer' qatt ma lahaq il-grad tieghu, kien tefa r-rizenja minn 'District Officer' u giet accettata mhux minghajr diffikultajiet. Jinghad f'dan l-istadju li r-rikorrent fl-1996, kien allokat flimkien ma shabu fis-sezzjoni, mal-'Local Councils Department' permezz ta' kuntratt bejn l-O.P.M., l-M.S.U. u l-'Local Councils Department', minghajr ma l-haddiema tilfu posthom fl-impjieg mal-istat.

Illi tul dan iz-zmien r-rikorrent filwaqt, ghandu l-grad ta' 'Works Technical Officer' dejjem kien jaqdi d-doveri tieghu bl-akbar kapacita' u responsabbilta', minkejja li dawna kienu responsabbiltajiet ta' grad superjuri ghal tieghu, gie maqbuz fil-promozzjoni diversi drabi. Dana kien ghalih telf kemm f'akkwist ta' 'seniority' kif ukoll telf finanzjarju f'paga ahjar u beneficcji ohra.

Illi huwa emmen u huwa konvint li dina d-diskriminazzjoni kontra tieghu hija wahda politika, u dana peress li membri tal-familja tieghu huma attivi fil-politika f'kamp oppost ghall-partit fil-gvern bejn l-1987 u l-1996.

Illi huwa, biex jsostni l-ilment tieghu, kien bi hsiebu jgib il-provi kollha mehtiega u x-xhieda, sabiex dana t-tribunal jkun jista' jiddeciedi fuq it-talbiet u l-kaz tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal tal-Investigazzjoni tal-Ingustizzji jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji, u 1. Jikkundanna lill-intimati li jirrendu lir-rikorrent dik is-seniority li huwa tilef; 2. kif ukoll illi jaghtu lir-rikorrent dik il-promozzjoni li huwa haqqu; u/jew 3. li jigu ordnati li jinghata kumpens xieraq ta' mhux aktar minn hamest elef liri maltin, lir-rikorrent tat-telf li huwa sofra.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet li eccepixxa:

Illi r-rikorrent gie attaccjat fil-grad ta' ESTS b'effett mill-15 ta' Dicembru 1975. Hu gie promoss ghal grad ta' Mason fl-1 ta' Gunju 1979. Fl-1 ta' April 1980 hu lahaq il-grad ta' Chargehand. Fil-15 ta' April 1987 hu lahaq bhala Works Technical Officer. Fl-1 ta' Jannar 1991 permezz tar-Riforma li sehhet fis-Settur Pubbliku, ir-rikorrent gie assimilat fil-grad ta' Technical Officer, kariga li ghadu jgawdi sal-lum.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent ma' setghax jinhatar 'Ufficcjal Tekniku I' mat-Taqsima tax-Xogholijiet peress li l-procedura li minn dejjem giet adottata mid-Dipartiment kienet li biex impjegat jilhaq grad oghla minn dak li ghandu, irid japplika wara li tohrog sejha ghall-postijiet vakanti.

Illi mid-dokumenti li jippossjedi d-Dipartiment tax-Xogholijiet ghar-rigward vakanzi fil-kariga ta' Ufficcjal Tekniku I, jirrizulta li hargu is-sejhiet segwenti:

Cirkolari Numru 59/88 datata 20 ta' Mejju 1988

Ir-rikorrent applika ghal din is-sejha u nghata n-numru 12 bhala n-numru ta' referenza. Hu rnexxielu jikseb 43

marka izda l-marka minima pristabbilita mill-Bord kienet dik ta' 50. Abbazi, f'dan l-istant ir-rikorrent ma ssodisfax il-kriterji rikjesti.

Fejn jirrigwardja t-tlett sejhiet l-ohra, cioe` Cirkolari Numru 107/90 datata 12 ta' Gunju 1990, 135/90 datata 14 ta' Awissu 1990 u 137/90 datata 16 ta' Awissu 1990, ir-rikorrent naqas milli japplika.

Illi parti sostanzjali mill-ilment imqanqal specjalment fejn jirrigwardja l-esekuzzjoni ta' xoghol bhala District Officer b'effett mis-sena 1984 sa kif inbidel il-Gvern, jigifieri Mejju 1987 ma jaqax taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal.

Illi dejjem minghajr pregudizzju, ir-rikorrent ma huwiex f'pozizzjoni li jikkummenta jew li jiehu azzjoni fuq l-allegat promoss tad-Direttur imsemmi.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Ir-rikorrent ipprezenta affidavit fejn qal li kien dahal bhala apprentist mad-Dipartiment tax-Xogholijiet fl-1975. Qal li dan il-kors kien ta' tlett snin u nofs, u fl-1977 gab il-licenzja tal-bini. Semma li ha sehem f'diversi progetti, u kien gab ukoll "Journeyman's certificate". Kompla ighid li bejn l-1982 u l-1983, ghamel zewg korsijiet mal-Universita` ta' Malta, wiehed fuq id-"Design and Building Construction", u l-iehor fuq "Quantity Surveying", u fl-ahhar tal-1983, kien ghamel kors ma' "Harry Stranger College" fuq "Concrete Technology". Qal li ma' tmiem it-twaqqiegh tal-bini, gewwa l-iStrand fil-Gzira, gie trasferit fid-Distrett ta' Haz-Zebbug. Semma li fost l-istaff, kien hemm Frankie Fenech u Kenneth Portanier, li fl-1988

hadu l-promozzjoni ta’ “Tech Officer I”, u hu hass li kien kapaci izjed minnhom. Qal li hu kien responsabbli minn nofs il-haddiema li kien hemm fid-distrett jaghmlu x-xoghol tal-id, filwaqt li Frankie Fenech kien jaghmel ir-requisitions u Portanier ma kien jaghmel xejn. Spjega, li xi xhur wara, fid-Distrett spiccaw hu, it-Timekeeper, il-messaggier u l-haddiema tal-id, u hu kellu taht ir-responsabilta` gdida tieghu madwar 60 haddiem. Zied ighid li f’dan il-perjodu, kienu ftuh ta’ toroq godda, twaqqiegh ta’ bini, kostruzzjoni ta’ bini gdid, tiswijiet ta’ toroq, xoghol ta’ bankini, fost xoghol iehor, u wara dan, l-Assistent Direttur, dak iz-zmien, il-Perit Crockford kien kitiblu rakkomandazzjoni fl-1986, esebita a fol 120. Qal li l-akbar bicca xoghol li ghamel f’dan id-distrett kien il-bini ta’ 15-il triq f’daqqa go Haz-Zebbug. Kompla ighid li fid-Distrett Nru. 9, minbarra mir-responsabbilta` tax-xoghol tal-“Public Works” kien responsabbli wkoll mill-‘Water Works’. Semma li mal-bidla fil-Gvern fl-1987, gie mnehhi minn “District Officer”, u minhabba f’hekk qal li tilef ic-cans li xi darba jiehu l-grad ta’ “Technical Officer II”. Qal li, hekk kif jidher minn dokumenti a fol 122 u 123, kien applika mal-Lands Department ghal District Officer. Zied ighid li fl-1994, rega’ gie mghajjat ghal darba ohra, biex jassumi r-responsabilta` ta’ “District Officer” fuq l-‘area msejha tar-Robba, fuq “District 10”, u wara kwazi sena, irrizenja, peress li hass li ghax-xoghol kapaci u ghall-promozzjoni le.

Semma xi marki li nghataw fic-cirkolari tal-1988, fejn Kenneth Portanier, wiehed li skond hu, ma jaghmel xejn ha 30 marka ghal “Trade Experience” u 5 marki ghal “Schedule of Applicant” u Frankie Fenech inghata 36 marka, filwaqt li hu nghata 12-il marka ghal “Trade Experience” u 10 marki ghac-certifikati, b’total ta’ 22 marka, hekk kif jidher minn dokument a fol 124. Irrefera ghal dokument a fol 128, u dan wara li kien hemm l-ewwel sejha, saret sejha ohra, u waqt li l-applikanti mill-ewwel sejha baqghu l-art, persuni minn din is-‘second schedule’ gew moghtija l-promozzjoni. Jidher li Cachia Francis, li kellu GCE ‘O’ Level wiehed, ha 8 marki, u Paul Zarb, inghata 5 marki ghal “Building Licence”, u hu hass li saret ingustizzja mieghu f’dan ir-rigward ukoll. Hu hass li saret

ingustizzja ohra mieghu, fis-sens, li Caruana John Mary li m’applikax ghal “Tech Officer I”, innota li min hu nkarigat minn xi sezzjoni, ha l-marka ta’ bejn 25 u 39 marka, mentri hu wara li qacctuh minn “District Officer” u regghuh ghamluh ftit wara, tawh 12-il punt. Indika wkoll lil erba’ persuni li ma applikawx ghal “Technical Officer I”, imma applikaw ghal “Technical Officer II” biss, u hadu din il-promozzjoni, u l-marka globali taghhom kienu: Caruana John Mary gab 50 marka, Frankie Fenech gab 65 marka, Alfred Portelli gab 64 marka u Grech Anthony gab 64 marka. Semma wkoll li kien hemm min qabez erba’ gradi, fil-kaz ta’ Joseph Abela, Edwin Quintano u Cardona Joseph. Qal ukoll li anke min dahal apprentist warajh, spicca biex qabzu bhal George Grima u Eugenio Debono.

In kontro-ezami, qal li fl-1988, ir-ranks kienu Works Technical Officer, Technical Officer I, Technical Officer II, Technical Officer III, Works Manager I u Works Manager II. Qal li hu fl-1991 sar Technical Officer izda dan kien permezz tar-riforma. Semma li fl-1987, damu, diga’ kien ilu 3 snin jaghmel xoghol ta’ District Officer, u qal li hu ma kienx beda jaghmel xoghol ta’ District Officer minn jeddu, izda gie mqabbad, u jumejn wara l-elezzjoni tal-1987, kien tnehha minn District Officer, fejn kien mar certu Joe Vassallo li kien qal li jikkmanda hu, u hu kien thalla ma jaghmel xejn ghal xi zmien, u sostna li anke meta fl-1994 rega’ sar District Officer, hu dejjem sahaq li fuq il-lant tax-xoghol m’hemmx diskors ta’ politika. Qal li kien hemm xi rapporti foloz fuqu, li kien idur waqt il-hin tax-xoghol b’diski politici, u kien jikteb fil-gazzetta kontra xi Ministru. Spjega li qatt ma kellu twiddiba ufficjali fuq dan, izda kienu jibaghtulu l-inspectors kuljum fis-sebgha ta’ filghodu u fl-erbgha u nofs ta’ filghaxija. Rigward ir-requisitions qal li dawn ma setghux jitmexxew minn xi hadd ta’ kwalunkwe grad, u l-Perit Crockford kien qallu li dawn jista’ jmexxihom hu. Qal li fiz-zmien li kien jahdem ma’ Frankie Fenech u Kenneth Portanier, qal li Frankie Fenech kien jaghmel il-works order, u Portanier ma kellux xoghol li kien assenjat lilu. Qal ukoll li ghall-habta tal-1994 u 1995, kien ikollu hafna giri bil-karozza, u kien jinghata allowance.

Xehed Philip Fava, timekeeper mad-distrett ta' Haz-Zebbug fid-Dipartiment tax-Xogholijiet. Qal li r-rikorrent kien il-foreman tieghu u beda jkun foreman tieghu ghall-habta tal-1994. Qal li jiftakar li ghall-habta tal-1987, wara l-bidla fil-Gvern, kien gie foreman iehor, certu Joe Vassallo li ha post ir-rikorrent, u qal li hu kien ser ikun il-persuna responsabbli. Fil-frattemp, qal li r-rikorrent kien baqa' hemmhekk, u wara xi zmien regghu bdew jahdmu flimkien, ir-rikorrent u Vassallo. Ir-rikorrent kien beda jahdem fuq id-distrett tas-Siggiewi u kien jiehu hsieb ix-xoghol fuq barra, u kien jaghmel anke supervision fuq il-haddiema. Semma li s-Sur Vassallo, kien jibqa' l-ufficju u kien imur Beltissebh biex jithaddet mal-periti u l-ufficjali l-ohra inkarigati mix-xoghol, u kien jiehu hsieb ukoll il-parti l-ohra tad-distrett. Qal li s-Sur Vassallo dam inqas minn sentejn, u mbaghad minfloku kien mar is-Sur Degabriele, li dam hemm xi erba' snin.

Zied ighid, li meta Degabriele kien ikun bil-leave, ir-rikorrent kien jiehu hsieb minfloku. Hu kkjarifika li fl-1987 Aquilina kien acting foreman, u wara Joe Vassallo kien ha post ir-rikorrent. Qal li fiz-zmien li kien hemm ir-rikorrent bhala foreman, kienu saru progetti u kien ha hsiebhom ir-rikorrent. Hu kkonferma li r-rikorrent kien izomm kuntatt mal-Ministeru kif ukoll man-nies koncernati fuq il-progett.

Xehed Innocent Aquilina, hu r-rikorrent, teacher tal-Gvern li qal mill-1983 sal-1988, kien l-Universita`, u fl-1988 beda jahdem mal-Gvern, u fl-1982, kien talab lill-Partit Laburista biex fl-1987 jigi kkunsidrat f'isem il-partit. Izda, qal li hu waqqaf l-attivita` bhala kandidat ftit xhur qabel l-elezzjoni. Qal li xorta kien impenjat hafna dak iz-zmien peress li kien qed jiftah il-kazin tal-Labour tas-Siggiewi, u qal li fl-1987, kien wiehed minn dawk li mexxa l-kampanja laburista fis-Siggiewi, u kkonferma li ghadu attiv sal-lum fil-partit Laburista.

Xehed Vincent Cassar li meta xehed kien Direttur tad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici, li ilu mill-1992 f'din il-kariga, li qal lir-rikorrent jafu bhala fil-Public Works Officer in charge mid-Districts. Qal li ilu xi sitt snin li gie trasferit ir-rikorrent mid-Dipartiment tax-Xogholijiet ghall-Kunsilli

Lokali. Qal li hu fiz-zmien li saret l-intervista fl-1988 ma kienx Direttur tad-Dipartiment tax-Xogholijiet u ma setax iwiegeb ghal domandi ghax ma kellu l-ebda sehem fl-ezercizzju tal-promozzjonijiet. Qal li l-membri tal-Bord, kienu Vince Magri, li kien Works Manager II u kien ic-Chairman tal-Bord, Joe Spiteri Bailey u Emanuel Scicluna rapprezentant tal-Establishments. Fir-rigward ta' John Mary Caruana, qal li skond fol 62, l-applikazzjoni tieghu kienet ghal Technical Officer II, u skond id-dokument, kien ottjena 39 marka ghal Technical Officer II, u ghal Technical Officer I gab 50.

Qal li l-ewwel grupp li applikaw, kien hemm 240 u wahda biss "late application", u fit-tieni stadju tal-applikazzjonijiet applikaw 27, hekk kif jidher mid-dokumenti. U dwar din is-sejha ghall-applikazzjoni ghal Technical Officer I u Technical Officer II, qal li din harget mill-Public Service Commission u ghamel referenza ghal fol 23 u qal li m'hemmx konflitt ma' l-Estacode, bil-mod kif harget l-applikazzjoni. B'referenza ghal dokument a fol 92, qal li ried jigi approvat illi jinhatru 14 Technical Officer II u 30 Technical Officer I, u dan bl-approvazzjoni tal-Public Service Commission. Ghamel referenza wkoll ghal numru ta' nies li kienu pprotestaw ghax qalu li ma setghux japplikaw ghall-promozzjoni peress li kellhom kaz quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u l-Public Service Commission kienet qatghata li lil dawn taghtihom cans li jkunu jistghu japplikaw ghal din l-applikazzjoni ghal Technical Officer I u Technical Officer II, u qal li l-kriterju kien gie applikat ghal kulhadd l-istess. Semma li mid-dokumenti jidher li Joseph Cardona kellu claim pendenti quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji, u kien general fitter. Qal li minn fol 79 jidher li Cardona applika l-ewwel preferenza ghal Technical Officer II u t-tieni preferenza ghal Technical Officer I, u minn dokument a fol 52, jidher li applika ghal Technical Officer I biss. Fir-rigward ta' Pawlu Zarb, qal li minn fol 85, jidher li hu ottjena 55 marki u kien fl-order of merit ta' 56, kienet saritlu l-intervista, izda Zarb eventwalment ma hax il-promozzjoni.

Xehed Manuel Cortis rapprezentant tad-Dipartiment tax-Xogholijiet, li kkonferma bil-gurament il-kontenut tar-risposta tad-Dipartiment. Hu kkjarifika fir-rigward tat-tieni paragrafu tar-risposta tad-Dipartiment, li meta nghataw il-promozzjonijiet, dejjem b’sejha ghall-applikazzjoni spjega li jigi nominat bord mid-Dipartiment li jigi approvat mill-Public Service Commission, u wara jsir il-process tal-ghazla. Qal li l-kriterji jigu stabbiliti mid-Dipartiment tax-Xogholijiet bl-approvazzjoni tal-Public Service Commission. U qal ir-rikorrent dahal jahdem fid-dipartiment bhala apprentist, u bir-riforma tal-1991, beda jissejjah Technical Officer. Muri dokument a fol 6, hu kkonferma li dik hi cirkolari mahruga mid-Direttur tad-Dipartiment tax-Xogholijiet. Qal li mill-personal record sheet, jidher li mar ‘on loan’ l-Management Systems Unit b’sehh mis-6 ta’ April 1992. Qal li mid-dokumenti, ma setax jikkonferma li r-rikorrent kien District Officer f’distrett numru 10, u qal li d-differenza bejn district officer u chargehand, hu li district officer hi pozizzjoni u chargehand hu grad. Fil-fatt qal li mhux stabbilit min ikun f’pozizzjoni ta’ district officer xi grad ikun, u d-district officers mhux kollha jkunu xorta, ikun hemm min ikollu numru zghir jahdmu tahtu, u jkun hemm min ikollu numru ikbar.

Hu pprezenta kopja tal-personal record sheet tar-rikorrent a fol 213, fejn jidher li f’Settembru 1987 kien district 9, u f’Jannar 1992 kien district 11 u fl-4 ta’ Gunju 1993 mar sekondat mal-Management Systems Unit. Dwar ix-xoghol specifiku ta’ District Officer, qal li hu jmexxi distrett. Kompla ighid li kien hemm persuni Chargehand jew Works Technical Officers li kienu jaghmlu xoghol ta’ District Officers, u jekk wiehed li jkun chargehand jigi mqabbad jaghmilha ta’ District Officer, qal li din hi fid-diskrezzjoni assoluta tad-Direttur Generali. Semma wkoll li fl-1987 kienu hargu erba’ sejhiet ghall-applikazzjoni ghal Technical Officer, u r-rikorrent ghalkemm kien eligibbli li japplika ghal kollha, applika ghal wahda biss, dik tal-20 ta’ Mejju 1988, izda kien wehel.

Dwar Frankie Fenech, qal li llum dan hu irtirat, izda kien dahal mal-Gvern fl-4 ta’ Awissu 1969, u bir-riforma tal-

1974 hadha ta’ Field Survey Assistant, u f’Mejju 1989, kien sar Technical Officer I, fl-istess sejha li kien applika ghaliha r-rikorrent. Dwar Kenneth Portanier, qal li dahal mal-Gvern f’Mejju 1966, u fi Frar 1974 sar Group D, u kien hames snin qabel ir-rikorrent, fil-kariga li kien ir-rikorrent. Semma li lahaq Technical Officer, u baqa’ fejn kien, izda la baqa’ f’dak il-grad ifisser li l-ilment tieghu kien gustifikat quddiem il-Kummissjoni. Hu esebixxa Dok X a fol 236, peress li d-dokument esebit a fol 223 fih xi skorrettezzi u esebixxa Dok Y a fol 247, fejn tidher id-data ta’ l-apprentistat u d-data tal-ewwel impieg tal-persuni msemmija. Hu ikkonferma li Frankie Fenech ukoll kien wiehed minn dawk li kellu l-ilment quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji. Hu kkonferma l-marki, hekk kif jirrizulta mill-process.

Ghamel referenza ghal fol 121 fejn tidher il-lista ta’ district officer, u jidher li r-rikorrent kien ic-Chargehand. Qal li minn Grupp D trid tkun eligibbli biex titla’ ghal Works Technical Officer, u dwar Frankie Fenech, qal li kien hemm grad iehor ta’ Assistant Works Technical Officer. Qal ukoll fir-rigward ta’ Kenneth Portanier, li kien ilu mill-1969 bhala drawing officer survey assistant, u hu baqa’ fejn kien, anke wara tibdil fin-nomenklatura. Hu kkonferma li Portanier kellu kaz quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji, u ghaldaqstant kien qabez grad.

**KONKLUZJONJIJIET:**
Illi ghalhekk l-ilment tar-rikorrent hu bazat fuq:

1. Li ghamel xoghol ta’ District Officer u ma giex imhallas tieghu;

2. Li ma hax il-promozzjoni fl-1988.

1. Dwar li ***ghamel xoghol ta’ District Officer u ma giex imhallas tieghu*** gie eccepit li din tezorbita mill-kompetenza tat-Tribunal ***ratione materiae***. Il-bazi ta’ dan hu li l-Kap 394 fl-Artikolu 6 imkien ma jitkellem dwar dak li qed jitlob ir-rikorrent. Dan it-Tribunal jaghmel referenza ghall-kawza deciza minnu fl-14 ta’ Dicembru 1999 fl-

ismijiet Agostino Ebejer vs Mediterranean Oilfield Services Company Limited u ghall-istess ragunijiet hemm indikati jilqa' l-eccezzjoni sollevata.

Dwar ***li ma hax il-promozzjoni fl-1988*** ir-rikorrent ilmenta li in segwitu li harget ic-cirkolari tal-promozzjonijiet hu ma hax il-promozzjoni ghal Ufficjal Tekniku I.  It-Tribunal josserva li r-rikorrent ma kienx applika wara li hargu s-sejhiet ghac-Cirkolari Numru 107/90 datata 12 ta' Gunju 1990, 135/90 datata 14 ta' Awissu 1990 u 137/90 datata 16 ta' Awissu 1990.  Hu ovvju li dwar dawn it-Tribunal ma jista' jilqa' ebda talba tar-rikorrent stante li hu ma applikax.

Dwar ic-cirkolari numru 59/88 tal-20 ta' Mejju 1988 hemm diversi aspetti.  Ir-rikorrent l-aktar li ilmenta kien dwar Frankie Fenech u Kenneth Portanier.  Jinghad li r-rikorrent spiss insista li jipproduci kwantita` kbira ta' xhieda li kienu irrelevanti ghall-kaz u inoltre ta hafna dettalji fit-tul li whud minnhom huma zbaljati bhal meta jsemmi li kien applika skond il-memo 179/88.  It-tul serva lir-rikorrent biss biex ihawwad il-kawza u biex ir-rikorrent ma jkunx jista' jiehu r-rimedju ghal zmien aktar twil.  Ukoll ir-rikorrent kontinwament hawwad bejn l-aspett tal-ilment dwar il-hatra ta' District Officer ma' dik tal-promozzjoni u t-Tribunal kellu problemi kbar u prolongati biex jista' johrog il-verita` mill-konfuzjoni ta' provi li r-rikorrent ghamel.  Izda t-Tribunal jinsab ferm preokkupat bl-allokazzjoni tal-marki li saru u jibda specjalment billi jikkummenta dwar il-marki allokati ghall-kwalifiki.  Infatti r-rikorrent ipprezenta skeda ta' kwalifiki a fol 128 tal-process liema skeda ma giet bl-ebda mod kontradetta.  Minn din l-iskeda jirrizulta li r-rikorrent inghata 10 marki ghall-kwalifiki u li Anthony Sillato 8 marki, Francis Cauchi 8 marki, Joe Abela 5 marki, Kenneth Portanier 5 marki, meta dawn ma kellhom xejn kwalifiki, waqt li r-rikorrent kellu 2 O Levels, Journeyman's Certificate u Mason's license u l-marki allokati kienu minn 20 marka ghall-kwalifiki u hawnhekk qed nitkellmu dwar Ufficjal Tekniku I.  Certament ir-rikorrent kien haqqu 7 marki ohra li gja huwa sufficjenti biex ir-rikorrent jilhaq il-50 marka u b' hekk jghaddi mill-ezami.  Inoltre hija haga stramba hafna kif ir-rikorrent li kien imqabbad bhala District Officer minn 40 marka

allokati ghal Trade Experience gie moghti biss 12-il marka. Hawn certament hawn zball qawwi ghax nies ohra li kienu District Officers gew moghtija marka ferm aktar oghlja, u certament li r-rikorrent kien haqqu 10 marki ohra b' mod li jitla' ghal 60% tal-marki. Infatti min kien inkarigat minn xi sezzjoni ha marka ta' bejn 25 u 39 waqt li b' hekk ir-rikorrent kull ma jkun qieghed jinghata 22 izda xorta jkun lahaq is-60% tal-marki. Il-marka ghal Personality/Leadership li r-rikorrent gie moghti u cioe` 16 ukoll tidher ferm baxxa meta wiehed jikkunsidra l-fatt li r-rikorrent diversi drabi gie mqabbad fuq progetti. Ta min jghid li fost dawk li lahqu kien hemm min qabez 4 gradi u cioe` Joseph Abela, Edwin Quintano u Joseph Cardona. Jinghad ukoll li George Grima u Eugenio Debono li dahlu apprentices wara r-rikorrent qabzu lir-rikorrent ukoll.

Illi fil-fehma tat-Tribunal dan kollu jammonta ghal ingustizzja fit-termini tal-Kap 394 Artikolu 6 u ghall-istess motivi jichad l-eccezzjoni tal-intimati.

Josserva pero` li ghalkemm ma gietx moghtija eccezzjoni formali dwar il-fatt li l-kawza tinstab intavolata wkoll kontra l-Ministru tax-Xogholijiet Pubblici l-Artikolu 181B tal-Kap 12 jaghmilha cara li kawza ghandha tigi istitwita kontra l-kap tad-Dipartiment koncernat u ghalhekk tillibera lill-Ministru tax-Xogholijiet Pubblici mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghal dawn il-motivi filwaqt li tichad it-talba tar-rikorrent rigward li ghamel xoghol ta' District Officer u ma giex imhallas tieghu, jilqa' t-talba tar-rikorrent ghall-kariga ta' Ufficjal Tekniku I b' effett mill-1988 u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Ufficjal Tekniku I b'effett mill-1988 u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra d-Direttur Generali fil-Ministeru tax-Xogholijiet Pubblici hlief dawk relattivi ghall-Ministru tax-Xogholijiet Pubblici li jibqghu a karigu tar-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------